Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2024/1063

5.4.2024

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2024/1063

## tal-4 ta' April 2024

## dwar miżura ta' assistenza taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi biex tappoġġa l-Forzi Armati tal-Ghana

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 28(1) u l-Artikolu 41(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/509 [1] tistabbilixxi l-Faċilità Ewropea għall-Paċi (EPF) għall-finanzjament mill-Istati Membri tal-azzjonijiet tal-Unjoni taħt il-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK) biex tinżamm il-paċi, jiġu pprevenuti l-konflitti u tissaħħaħ is-sigurtà internazzjonali skont l-Artikolu 21(2), il-punt (c), tat-Trattat. B'mod partikolari, skont l-Artikolu 1(2) tad-Deċiżjoni (PESK) 2021/509, l-EPF trid tintuża biex tiffinanzja miżuri ta' assistenza bħal azzjonijiet biex jissaħħu l-kapaċitajiet ta' Stati terzi u organizzazzjonijiet reġjonali u internazzjonali b'rabta ma' kwistjonijiet militari u ta' difiża.

(2) Ir-reġjuni tat-tramuntana tal-pajjiżi kostali tal-Golf tal-Guinea (il-Ghana, il-Kosta tal-Avorju, il-Benin u t-Togo) ilhom jesperjenzaw kundizzjonijiet ta' sigurtà li qed jiddeterjoraw b'rabta mal-kriżi li qed taffettwa s-Saħel ċentrali.

(3) Fid-dawl tal-kundizzjonijiet tas-sigurtà li qed jiddeterjoraw, il-ħtieġa li jissaħħu l-forzi tad-difiża u tas-sigurtà hija element importanti li jippermetti u jappoġġa l-isforzi għall-istabbilizzazzjoni fil-Ghana. F'dan il-kuntest, u b'għarfien sħiħ tal-fatt li s-sitwazzjoni teħtieġ rispons integrat, l-iżgurar tal-paċi u s-sigurtà fit-tul fil-Ghana huwa prijorità ewlenija għall-Unjoni.

(4) Fl-10 ta' Lulju 2023, il-Kunsill adotta Deċiżjoni (PESK) 2023/1440 [2] dwar miżura ta' assistenza taħt l-EPF biex tappoġġa l-Forzi Armati tal-Ghana, biex jissaħħu l-kapaċitajiet tal-Forzi Armati tal-Ghana biex jipproteġu l-integrità territorjali u s-sovranità tal-Ghana u l-popolazzjoni ċivili tagħha kontra l-aggressjoni interna u esterna u biex tikkontribwixxi għall-paċi u l-istabbiltà fir-reġjun.

(5) Fit-3 ta' Awwissu 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/1599 [3], li stabbiliet Inizjattiva tal-Unjoni Ewropea għas-Sigurtà u d-Difiża (l-"Inizjattiva") skont il-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni, b'appoġġ għall-pajjiżi tal-Afrika tal-Punent tal-Golf tal-Guinea, jiġifieri l-Ghana u l-Benin. L-objettiv strateġiku tal-Inizjattiva huwa li tassisti lill-pajjiżi tal-Afrika tal-Punent tal-Golf tal-Guinea li fiha hija stabbilita fl-iżvilupp tal-kapaċitajiet adegwati fi ħdan il-forzi tas-sigurtà u tad-difiża tagħhom biex irażżnu u jirrispondu għall-pressjoni eżerċitata minn gruppi armati terroristiċi.

(6) Fit-12 ta' Diċembru 2023, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-"Rappreżentant Għoli") irċieva talba mill-Ghana biex l-Unjoni tassisti aktar lill-Forzi Armati tal-Ghana fl-akkwist ta' tagħmir essenzjali biex jissaħħu l-kapaċitajiet operazzjonali tal-unitajiet militari skjerati fil-parti tat-Tramuntana tal-pajjiż biex jiġġieldu l-gruppi armati, biex jikkuntrastaw u jnaqqsu l-opportunitajiet ta' dawk il-gruppi biex iwettqu attakki terroristiċi.

(7) Miżuri ta' assistenza jridu jiġu implimentati b'kont meħud tal-prinċipji u r-rekwiżiti stipulati fid-Deċiżjoni (PESK) 2021/509, b'mod partikolari f'konformità mal-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/PESK [4], u f'konformità mar-regoli għall-implimentazzjoni tad-dħul u n-nefqa ffinanzjati taħt l-EPF.

---

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/509 tat-22 ta' Marzu 2021 li tistabbilixxi Faċilità Ewropea għall-Paċi, u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2015/528 (ĠU L 102, 24.3.2021, p. 14).
(2) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/1440 tal-10 ta' Lulju 2023 dwar miżura ta' assistenza taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi biex tappoġġa l-Forzi Armati tal-Ghana (ĠU L 176, 11.7.2023, p. 28).
(3) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/1599 tat-3 ta' Awwissu 2023 dwar Inizjattiva tal-Unjoni Ewropea għas-Sigurtà u d-Difiża b'appoġġ għall-pajjiżi tal-Afrika tal-Punent tal-Golf tal-Guinea (ĠU L 196, 4.8.2023, p. 25).
(4) Il-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/PESK tat-8 ta' Diċembru 2008 li tiddefinixxi regoli komuni li jirregolaw il-kontroll ta' esportazzjonijiet ta' teknoloġija u tagħmir militari (ĠU L 335, 13.12.2008, p. 99).

(8) Il-Kunsill jafferma mill-ġdid id-determinazzjoni tiegħu li jipproteġi, jippromwovi u jissodisfa d-drittijiet tal-bniedem, il-libertajiet fundamentali u l-prinċipji demokratiċi u li jsaħħaħ l-istat tad-dritt u l-governanza tajba, f'konformità mal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, mad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem u mad-dritt internazzjonali, b'mod partikolari d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-dritt umanitarju internazzjonali,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Stabbiliment, objettivi, kamp ta' applikazzjoni u durata**

1. B'dan hija stabbilita miżura ta' assistenza li tibbenifika minnha l-Ghana (il-"benefiċjarju"), li għandha tiġi ffinanzjata mill-Faċilità Ewropea għall-Paċi (EPF) (il-"miżura ta' assistenza").

2. L-objettiv tal-miżura ta' assistenza huwa li jissaħħaħ il-kapaċitajiet tal-Forzi Armati tal-Ghana biex jipproteġu l-integrità territorjali u s-sovranità tal-Ghana u l-popolazzjoni ċivili tagħha kontra l-aggressjoni interna u esterna u li tikkontribwixxi għall-paċi u l-istabbiltà fir-reġjun.

3. Biex jintlaħaq l-objettiv stipulat fil-paragrafu 2, il-miżura ta' assistenza għandha tiffinanzja t-tipi ta' tagħmir mhux imfassal biex iwassal forza letali, u s-servizzi li ġejjin:

(a) tagħmir mediku;

(b) tagħmir ta' inġinerija militari;

(c) attivitajiet edukattivi mmirati fil-qasam tal-għarfien tal-loġistika militari;

(d) tagħmir tal-intelligence dwar id-difiża;

(e) sistemi elettroniċi tal-gwerra;

(f) tagħmir għan-newtralizzazzjoni ta' ordinanza splussiva.

4. Id-durata tal-miżura ta' assistenza għandha tkun ta' 36 xahar mid-data tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

**Arranġamenti finanzjarji**

1. L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-miżura ta' assistenza għandu jkun ta' EUR 25 000 000.

2. In-nefqa kollha għandha tiġi ġestita f'konformità mad-Deċiżjoni (PESK) 2021/509 u r-regoli għall-implimentazzjoni tad-dħul u n-nefqa ffinanzjata taħt l-EPF.

*Artikolu 3*

**Arranġamenti mal-benefiċjarju**

1. Ir-Rappreżentant Għoli għandu jagħmel l-arranġamenti neċessarji mal-benefiċjarju biex jiżgura li dan ikun f'konformità mar-rekwiżiti u l-kundizzjonijiet stabbiliti b'din id-Deċiżjoni bħala kundizzjoni għall-għoti ta' appoġġ taħt il-miżura ta' assistenza.

2. L-arranġamenti msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu dispożizzjonijiet li jobbligaw lill-benefiċjarju jiżgura:

(a) l-konformità tal-unitajiet tal-Forzi Armati tal-Ghana appoġġati taħt il-miżura ta' assistenza mad-dritt internazzjonali rilevanti, b'mod partikolari d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-dritt umanitarju internazzjonali;

(b) l-użu xieraq u effiċjenti tal-assi kollha pprovduti taħt il-miżura ta' assistenza għall-finijiet li għalihom ikunu ġew ipprovduti;

(c) il-manutenzjoni suffiċjenti tal-assi kollha pprovduti taħt il-miżura ta' assistenza biex tiġi żgurata l-użabilità tagħhom u d-disponibbiltà operazzjonali tagħhom tul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom;

(d) li kwalunkwe assi pprovduti taħt il-miżura ta' assistenza mhux ser jintilfu, jew jiġu ttrasferiti mingħajr il-kunsens tal-Kumitat tal-Faċilità stabbilit skont id-Deċiżjoni (PESK) 2021/509 lil persuni jew entitajiet oħra għajr dawk identifikati f'dawk l-arranġamenti, fi tmiem iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom.

3. L-arranġamenti msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu dispożizzjonijiet dwar is-sospensjoni u t-terminazzjoni tal-appoġġ taħt il-miżura ta' assistenza f'każ li l-benefiċjarju jinstab li jkun kiser l-obbligi stipulati fil-paragrafu 2.

*Artikolu 4*

**Implimentazzjoni**

1. Ir-Rappreżentant Għoli għandu jkun responsabbli li jiżgura l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni f'konformità mad-Deċiżjoni (PESK) 2021/509, u r-regoli għall-implimentazzjoni tad-dħul u n-nefqa ffinanzjata taħt l-EPF, f'konformità mal-Qafas Metodoloġiku Integrat għall-valutazzjoni u l-identifikazzjoni tal-miżuri u l-kontrolli meħtieġa għall-miżuri ta' assistenza taħt l-EPF.

2. L-implimentazzjoni tal-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 1(3) għandha titwettaq mill-amministratur għall-miżuri ta' assistenza, permezz ta' arranġament amministrattiv mal-*Economat des Armées* f'konformità mal-Artikolu 37 tad-Deċiżjoni (PESK) 2021/509.

*Artikolu 5*

**Monitoraġġ, kontroll u evalwazzjoni**

1. Ir-Rappreżentant Għoli għandu jimmonitorja l-konformità mill-benefiċjarju mal-obbligi stipulati fl-Artikolu 3. Dak il-monitoraġġ għandu jintuża biex jipprovdi għarfien tal-kuntest u r-riskji ta' ksur tal-obbligi stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 3, u biex jikkontribwixxi għall-prevenzjoni ta' tali ksur, inkluż ksur tad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt umanitarju internazzjonali mill-unitajiet tal-Forza Armati tal-Ghana appoġġati taħt il-miżura ta' assistenza.

2. Il-kontroll tat-tagħmir u l-provvisti ta' wara t-trasportazzjoni għandu jiġi organizzat kif ġej:

(a) verifika tal-kunsinna, li permezz tagħha ċ-ċertifikati tal-kunsinna tal-EPF jiġu ffirmati mill-forzi tal-utent aħħari mat-trasferiment tas-sjieda;

(b) rappurtar, li permezz tiegħu l-benefiċjarju jirrapporta b'mod annwali dwar l-attivitajiet imwettqa bit-tagħmir ipprovdut taħt il-miżura ta' assistenza u dwar l-inventarju ta' oġġetti deżinjati sakemm tali rappurtar ma jibqax jitqies meħtieġ mill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS);

(c) żjarat fuq il-post, fejn malli jintalab dan il-benefiċjarju għandu jagħti aċċess lir-Rappreżentant Għoli u lill-awdituri tal-EPF biex iwettqu kontrolli fuq il-post u awditi tal-EPF.

3. Ir-Rappreżentant Għoli għandu jwettaq evalwazzjoni finali mat-tlestija tal-miżura ta' assistenza biex jivvaluta jekk il-miżura ta' assistenza kkontribwietx biex jintlaħqu l-objettivi ddikjarati fl-Artikolu 1(2).

*Artikolu 6*

**Rappurtar**

Matul il-perjodu ta' implimentazzjoni, ir-Rappreżentant Għoli għandu jipprovdi lill-KPS b'rapporti ta' kull sitt xhur dwar l-implimentazzjoni tal-miżura ta' assistenza, f'konformità mal-Artikolu 63 tad-Deċiżjoni (PESK) 2021/509. L-amministratur għall-miżuri ta' assistenza għandu jinforma regolarment lill-Kumitat tal-Faċilità stabbilit bid-Deċiżjoni (PESK) 2021/509 dwar l-implimentazzjoni tad-dħul u n-nefqa f'konformità mal-Artikolu 38 ta' dik id-Deċiżjoni, inkluż billi jipprovdi informazzjoni dwar il-fornituri u s-sottokuntratturi involuti.

*Artikolu 7*

**Sospensjoni u terminazzjoni**

1. Il-KPS jista' jiddeċiedi li jissospendi kompletament jew parzjalment l-implimentazzjoni tal-miżura ta' assistenza f'konformità mal-Artikolu 64 tad-Deċiżjoni (PESK) 2021/509.

2. Il-KPS jista' jirrakkomanda wkoll li l-Kunsill itemm il-miżura ta' assistenza.

*Artikolu 8*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' April 2024.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

H. LAHBIB